MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1348/2001/1

**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.**
**Adv.Trib.Eccl.Melit, AIC Arb.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Ottubru, 2002**

**Numru 37**

**Avviz.  numru 1348/01JR**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Sebastian Vella u l-istess Sebastian Vella**

**vs**

**Najah Ben Ammar Kalifa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta’ Ottubru, 2001 fejn intalab il-hlas ta’ seba’ mija u ghoxrin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm720.51), u dana in kwantu ghas-somma ta’ hames mija u tnejn u erbghin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm542.76) lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta’ mija u sebgha u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm177.75) lill-attur Sebastian Vella, rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru CBF-854 fil-25 t’Awissu, 2000, gewwa San Pawl il-Bahar habat mal-vettura numru ANN-379 proprjeta` ta’ l-attur Sebastian Vella u kkaguna danni f’din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 20 ta’ Marzu, 2001 kontra l-konvenut u ta’ ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta.**

**Semgha x-xhieda ta’ Dr. Louis Bianchi ghall-atturi li kkonferma li l-ammont imsemmi ghadu dovut. Ha**

**konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant wara li ra l-Artikolu 13(b) ta’ l-Att V ta’ l-1995, u peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hames mija u tnejn u erbghin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm542.76), u lill-attur Sebastian Vella s-somma ta’ mija u sebgha u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm177.75) bl-imghax legali mill-20 ta’ Marzu, 2001.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 20 ta’ Marzu, 2001 kontra l-konvenut u ta’ ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**